DIRETTORAT GĦAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u eLearning

**Tel:** 2598 2449 / 2598 2478 / 2598 2480 **Fax:** 2598 2149

## ĊIRKULARI

**Informazzjoni:** X **Data:** 24 ta' Settembru 2012

**Azzjoni:** X **Ref:** CMeLD 140/2012

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Minn-:** David Muscat, Uffiċjal Edukattiv tal-Malti

**Suġġett:** Testi Letterarji għall-Istudenti tal-Ewwel Sena tas-Sekondarja, (Livelli 4 u 5) għas-sena 2012-2013 – Programm Kompetenzi Ewlenin (CCS)

---

Il-Kapijiet tal-Iskejjel Sekondarji huma mitluba jgħaddu din l-informazzjoni lill-għalliema tal-Malti li se jgħallmu l-klassijiet tal-Programm tal-Kompetenzi Ewlenin (CCS) fl-ewwel u t-tieni sena tas-Sekondarja (Form 1 u Form 2) fis-sena 2012-2013.

1. Bis-saħħa taċ-ċirkolarijiet QAD 23/2012 u QAD 33/2012, maħruġa fl-24 ta' April 2012 u fit-28 ta' Mejju 2012 rispettivament, twaqqaf Kumitat tal-Għażla tat-Testi Letterarji tal-Malti għall-Ewwel Sena tas-Sekondarja, (Livelli 4 u 5). Dan il-Kumitat kien magħmul minn għalliema, Kapijiet tad-Dipartiment tal-Malti tal-iskejjel Statali u tal-Knisja, Uffiċjali Edukattivi tal-Malti u uffiċjal tal-Kunsill Nazzjonali tal-Malti, uffiċjal tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u lettur fid-Dipartiment tal-Malti tal-Università. Il-Kumitat stħarreġ il-proposti li taw l-għalliema tal-Malti li għallmu lill-istudenti ta' dawn il-livelli fis-sena 2011-12 fil-kwestjonarji mogħtija fil-laqgħat magħhom. Fuq rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat it-testi letterarji għall-Ewwel Sena tas-Sekondarja, (Livelli 4 u 5), qed jiġu aġġornati kif ġej:

   i) **Rumanzi/Stejjer twal**

   L-għalliema tal-Malti tal-Ewwel Sena tas-Sekondarja, (Livelli 4 u 5) huma mitluba jagħżlu <u>WIEĦED</u> minn dawn it-tliet kotba:

   a) *Zito Zandarell* ta' Carmel G. Cauchi, Pubblikazzjoni Preca (2010), li qiegħed diġà fis-sillabu;
   b) *Id-Dawl l-Abjad* ta' Anita Busuttil , Klabb Kotba Maltin (2009);
   ċ) *Id tad-Deheb* ta' Ivan De Battista, Klabb Kotba Maltin (2009).

   ii) **Novelli/Stejjer qosra**

   L-għalliema tal-Malti tal-Ewwel Sena tas-Sekondarja, (Livelli 4 u 5) huma mitluba jagħżlu <u>TLIETA</u> minn dawn in-novelli/stejjer qosra:

a) *Is-Sigriet tan-Nannu* ta' Alfred Debattista, milnn *Ħelwin u Mexxejja*, Transplant Support Group, Malta (2004);
b) *Ġrajja ta' Żmien il-Gwerra* ta' Charles Casha, minn *Darbtejn Insiru tfal*, Merlin Publishers (2012);
ċ) *Bob, il-Kelb tal-Iskwadra tat-Tifi tan-Nar* maqlub għall-Malti minn Charles Magro, minn *It-Tfajla Ġurdien u Stejjer Oħra*, MUT Publications (1994);
d) *Il-Kalzetti tas-Suf* ta' Rita Saliba, (novella li għadha mhix ippubblikata)
e) *Il-Leġġenda ta' San Dimitri* ta' Victor Fenech, minn *Leġġendi minn Malta u Għawdex,* Kotba Merill, Promotion Services Limited (2004);
f) *Żewġt Iħbieb,* ħrafa ta' Esopu, maqluba għall-Malti minn Saviour Sammut, minn *Il-Ħrejjef ta' Esopu,* Wise Owl Publications.

iii) **Poeżiji u Kanzunetti Maltin**

L-għalliema tal-Malti tal-Ewwel Sena tas-Sekondarja, (Livelli 4 u 5) huma mitluba jgħallmu b'kollox <u>DISA'</u> testi, (erba' poeżiji obbligatorji u ħames poeżiji u/jew kanzunetti minn għażla ta' għaxra).

<u>L-ERBA</u>' poeżiji obbligatorji mill-ktieb *Nadriet 1*, ed. Tarcisio Zarb, Diviżjoni tal-Edukazzjoni (2001) huma:

a) *Raħal Twelidi* ta' Karmenu Vassallo,
b) *Tristis Est Anima Mea* ta' Ružar Briffa,
ċ) *Tifħira lil Malta* ta' Ġan Anton Vassallo,
d) *San Franġisk u l-Gamiem* ta' Ġużè Delia;

Il-<u>ĦAMES</u> poeżiji u/jew kanzunetti jridu jintgħażlu minn din l-għażla ta' poeżiji u kanzunetti:

<u>Il-Poeżiji</u>
a) *Il-Kebbies tal-Fanali* ta' Anton Buttiġieġ, mill-ktieb Nadriet 1, ta' Tarcisio Zarb, Diviżjoni tal-Edukazzjoni (2001);
b) *L-Ambjent* ta' Mary Puli, mill-ktieb *Żbrixx,* Wise Owl Publications;
ċ) *Sagristan u X'ħin hu?* ta' Guido Lanfranco, mill-ktieb *Ċajt bil-Limerikki,* Wise Owl Publications;
d) *Id-Dragun* ta' Trevor Żahra, mill-ktieb *Żveljarin*, Merlin Publishers (2001).

<u>Il-Kanzunetti</u>
e) *Il-Festa*, lirika ta' Joe Friggieri, mużika ta' Charles Camilleri, kantata minn Mary Rose Mallia;
f) *Inti Djamant* , mużika ta' Dominic Grech, lirika ta' Emmanuel Ellis, kantata minn Dominic Grech u The Tramps;
ġ) *KC*, mużika u kliem ta' Philip Vella, kantata minn Christine Haber, mis-sensiela televiżiva KC, produzzjoni ta' Eileen Montesin;
g) *Ħdejk*, lirika ta' Joe Julian Farrugia, mużika ta' Renè Mamo, kantata minn Julie Żahra;
h) *L-Avukat tal-Karozzin*, lirika u mużika ta' Mikiel Abela, il-Bambinu, kantata minn Enzo Gusman;
i) *Il-Bajja tal-Mellieħa* tan-New Cuorey, lirika ta' Anthony Fenech, mużika ta' Joe S. Grech u Paul Abela, kantata minn Sammy Bartolo.

2. L-iskejjel jistgħu jinqdew bil-fondi msemmija fiċ-ċirkolari QAD 33/2012 tat-28 ta' Mejju 2012 biex jixtru r-rumanzi/stejjer twal imsemmija hawn fuq. L-approvazzjoni tax-xiri tal-kotba ssir mis-Sur David Muscat, Uffiċjal Edukattiv tal-Malti. Biex tingħata l-approvazzjoni, l-għalliema jridu jissottomettu kwotazzjoni tal-kotba li jixtiequ jixtru lis-Sur Muscat f'Kamra 7, iċ-Ċentru tal-Kurrikulu, Triq Sarria, il-Furjana FRN 1460 jew bil-posta elettronika, lil david.muscat.4@ilearn.edu.mt sal-**31 ta' Ottubru 2012.**

3. In-novelli, l-istejjer qosra, il-poeżiji u l-kanzunetti se jittellgħu fit-taqsima tal-Malti fis-sit elettroniku http://malti.skola.edu.mt/ u se jingħataw f'pakkett apposta waqt il-laqgħa li se ssir għall-għalliema tal-Malti tal-Ewwel u t-Tieni sena tas-Sekondarja tal-Programm tal-Kompetenzi Ewlenin (CCS), nhar it-Tnejn 1 ta' Ottubru 2012.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandro Spiteri**
**Direttur tal-Kurrikulu u eLearning**